# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI
**A6-0044/2006**

27.2.2006

# RAPPORT

dwar Strateġija komunitarja rigward il-merkurju
(2005/2050(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Marios Matsakis

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA ............................................................**Error! Bookmark not defined.**

PROĊEDURA...............................................................................**Error! Bookmark not defined.**

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar strateġija Komunitarja rigward il-merkurju**
**2005/2050(INI)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-Istrateġija Komunitarja rigward il-merkurju (COM(2005)0020),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni PARCOM 90/3 dwar it-Tnaqqis ta' Emissjonijiet Atmosferiċi minn Impjanti Kloro-Alkali Eżistenti,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0044/2006),

A. billi l-merkurju u l-komposti tiegħu huma tossiċi ħafna għall-bnedmin li jgħixu f'ekosistemi differenti, kif ukoll għall-pjanti u għall-annimali,

B. billi l-merkurju huwa persistenti u fl-ambjent jista' jinbidel f'merkurju metiliku, li hija l-aktar forma tossika u li tista' faċilment taqbeż il-barriera tal-plaċenta u l-barriera bejn id-demm u l-moħħ, u b'hekk tikkawża ħsara fil-moħħ li jkun qed jiżviluppa,

C. billi l-merkurju li huwa maħżun u iżolat b'mod korrett ma jippreżenta l-ebda riskju potenzjali minħabba li ma jkunx hemm evaporazzjoni, għandu madankollu jkun maħżun f'postijiet sikuri li huma monitorjati l-ħin kollu u fejn intervent jista' jseħħ malajr jekk huwa neċessarju,

D. billi l-kontaminazzjoni tal-merkurju hija problema mifruxa, persistenti u mxerrda, trasportata tul fruntieri internazzjonali 'l bogħod mis-sors, li tikkontamina l-provvisti ta' l-ikel Ewropej u mondjali; billi l-Istrateġija Komunitarja dwar il-merkurju proposta mill-Kummissjoni hija kontribuzzjoni importanti fil-ġlieda kontra din it-theddida globali, iżda billi hemm bżonn ta' iktar miżuri li jorbtu fuq livell internazzjonali u fuq livell ta' l-UE biex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent,

E. billi l-Kummissjoni ddikjarat fl-'Extended Impact Assessment' tagħha li l-grad ta' kobor ta' l-impatti negattivi tal-merkurju fuq is-saħħa mhumiex magħrufa, hemm bżonn ta' aktar informazzjoni dwar dan; billi, madankollu, aktar studji m'għandhomx iwasslu għal dewmien fl-Istrateġija Komunitarja,

F. billi l-merkurju u l-komposti tiegħu huma mniżżlin fil-lista ta' sustanzi perikolużi prijoritarji skond id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewroprew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000 li stabbiliet qafas għall-azzjoni Komunitarja fil-kwistjoni tal-politika dwar l-ilma[1] (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) billi l-Kummissjoni kellha, skond l-Artikolu 16(8)

[1] ĠU L 327, 22..12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Deċiżjoni Nru. 2455/2001 (ĠU L 331, 15.12.2001, p.

ta' din id-Direttiva kif emendata, tagħmel proposta għall-waqfien f'salt jew fuq tul ta' żmien, ta' skariki, emissjonijiet jew telf ta' sustanzi perikolużi prijoritarji sa Diċembru 2003, imma għadha ma għamlitx din il-proposta,

G. billi l-UE hija l-akbar esportatur tal-merkurju fid-dinja, u billi projbizzjoni ta' l-UE fuq l-esportazzjoni tagħmel kontribuzzjoni sinifikanti għat-tnaqqis fil-kummerċ u fil-provvisti mondjali tal-merkurju,

H. billi 12 000-il tunnellata ta' merkurju fl-industrija ta' l-UE tal-kloro-alkali li jużaw iċ-ċelloli tal-merkurju - l-ikbar ħażna ta' merkurju fl-UE - hu ppjanat li tkun żarmata fil-15-il sena li ġejjin, skond id-Deċiżjoni PARCOM 90/3; billi dan il-merkurju żejjed kollu jrid jiġi maħżun b'sikurezza fl-UE biex tiġi skansata aktar ħsara ambjentali,

I. billi l-merkurju kien jittella' mill-minjieri ta' Almadén, fi Spanja, għall-sekli sħaħ, u billi l-għeluq ta' dawn il-minjieri għandu jkun akkumpanjat minn miżuri ta' ristrutturar ekonomiċi u soċjali għall-inħawi konċernati,

J. billi huwa urġenti li jiġi stabbilit post fejn tista' tiġi assikurata l-ħażna tal-merkurju żejjed mill-Ewropa kollha,

K. billi s-sors prinċipali tal-ħruġ tal-merkurju huwa l-ħruq tal-faħam, u billi l-emissjonijiet mill-impjanti kbar ta' ħruq huma regolati mil-leġiżlazzjoni Komunitarja (Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis[1] (id-Direttiva IPPC) u d-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti affarijiet li jniġġsu l-arja minn impjanti kbar ta' ħruq[2],

L. billi l-merkurju ta' l-amalgama dentali huwa t-tieni l-akbar ammont ta' merkurju fis-soċjetà; billi l-akbar sors li jesponi l-aktar nies fil-pajjiżi żviluppati sabiex jibilgħu l-fwar mill-merkurju ġej mill-amalgama dentali; billi l-ħruġ ta' sustanzi mill-krematorji sejjer jibqa' jikkostitwixxi għal bosta snin sors importanti ta' tniġġis permezz tal-merkurju sakemm ma jiġux installati kemm jista' jkun malajr sistemi tekniċi kontra t-tniġġis li jnaqqsu l-ħruġ b'mod kunsiderevoli,

M. billi s-sostituzzjoni tal-merkurju f'għodda ta' tkejjil u kontroll għall-użu professjonali u tal-konsumatur huwa mod effettiv ta' kif jiġu indirizzati l-emissjonijiet inevitabbli mill-użu u mir-rimi tagħhom,

N. billi l-kontaminazzjoni tal-merkurju mill-iskart domestiku hija problema li qiegħda dejjem tikber, u billi skemi obbligatorji ta' kollezzjoni separata u ta' trattament għall-prodotti kollha li fihom il-merkurju li jiċċirkulaw fis-soċjetà għandhom bżonn jiġu stabbiliti.

O. billi l-espożizzjoni għall-merkurju metiliku sseħħ l-aktar permezz ta' l-ikel, u billi l-merkurju metiliku jinġabar u jikkonċentra ruħu b'mod speċjali fil-katina ta' l-ikel akwatika, dan jagħmel partikularment vulnerabbli lill-gruppi sensittivi tal-popolazzjoni kif ukoll

---

1).

[1] ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26.

[2] ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1.

popolazzjonijiet li jieklu ħafna ħut u frott tal-baħar,

P. billi l-espożizzjoni għall-merkurju ta' gruppi sensittivi tal-popolazzjoni (trabi, tfal, nisa tqal u nisa li qegħdin fl-età li jista' jkollhom it-tfal) hemm bżonn tkun minimizzata, billi l-effettività ta' din il-minimizzazzjoni għandha bżonn tkun monitorjata b'mod effettiv; billi l-popolazzjoni kollha kemm hi, u partikularment il-gruppi sensittivi, għandhom bżonn ikunu infurmati, edukati u avżati dwar ir-riskji potenzjali ta' ikel li hu kontaminat mill-merkurju u mill-kompost tiegħu,

Q.billi apparti minn hekk, ir-rilevanza għas-saħħa ta' sorsi tal-merkurju bħall-amalgami, t-tilqim li fihom il-merkurju u d-diżinfettanti għandhom ikunu investigati indipendentement,

R. billi l-UE għandha taħdem lejn azzjonijiet globali biex jitnaqqsu sustanzjalment il-provvista u t-talba għall-merkurju, u biex tikkontrolla l-kummerċ kollu tiegħu, billi l-UE għandha tieħu azzjoni li torbot legalment, fuq livell Komunitarju, sabiex tipprovdi l-kredibilità neċessarja għal azzjoni fuq livell internazzjonali,

S. billi, meta tiġi riveduta l-istrateġija fl-2010, għandu jkun sar it-tkejjil tal-ħamrija, ta' l-arja u ta' l-ilma, għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku, u għandu jiġi kkunsidrat,

T. billi l-ammont ta' merkurju li jittieħed jiddependi sa ċertu punt mill-bijoaċċessibilità li sseħħ f'ekosistemi differenti fuq livell lokali,

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Strateġija Komunitarja rigward il-Merkurju" u jenfasizza li l-obbjettiv prinċipali hu t-tnaqqis u eventwalment l-immaniġġjar tal-merkurju żejjed, u li jkun hemm protezzjoni mill-espożizzjoni;

2. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li l-UE tkompli bl-isforzi tagħha fuq livell internazzjonali, bħall-azzjoni permezz tal-'European Neighbourhood and Partnership Instrument', bil-ħsieb li jitnaqqsu b'mod sustanzjali l-emissjonijiet u l-użu tal-merkurju fuq skala globali, minħabba li l-alternattivi jeżistu, filwaqt li fl-istess ħin taqta' bil-mod il-mod il-produzzjoni primarja u żżomm il-merkurju żejjed milli jerġa' jidħol fis-suq;

3. Jenfasizza l-bżonn li l-Istrateġija Komunitarja tkun segwita minn miżuri speċifiċi u atti leġiżlattivi mill-aktar fis possibbli;

4. Jenfasizza, wara li jqis dak li hu msemmi hawn fuq, is-sinifikat tal-proposta proattiva tal-Kummissjoni biex tinqata' bil-mod il-mod l-esportazzjoni tal-merkurju metalliku u tal-komposti tiegħu mill-Komunità u jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-projbizzjoni ta' l-UE ta' l-esportazzjoni tal-merkurju tidhol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2010;

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex, qabel Marzu 2008, tipproponi miżuri biex issegwi l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-merkurju u komposti tiegħu fl-Istati Membri kif ukoll lejn u mill-Komunità, li jidħlu fis-seħħ qabel il-projbizzjoni ta' l-esportazzjoni;

6. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li testendi l-projbizzjoni kurrenti ta' l-esportazzjoni ta' sapun li fih il-merkurju, kif ipprovduta fir-Regolament (KE) Nru. 304/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-

esportazzjoni u l-importazzjoni ta' kimiki perikolużi, għal prodotti oħra li fihom il-merkurju, li huma jew li ser ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet ta' użu u 'marketing' fl-UE;

7. Titlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għal miżuri li jorbtu legalment, sabiex jiġi assigurat li l-merkurju kollu li ġej mill-industrija tal-kloro-alkali ma jerġax jitpoġġa fiċ-ċirkulazzjoni, jinħażen b'mod sikur, f'postijiet sikuri, immmonitorjat il-ħin kollu u mqiegħed f'postijiet fejn tkun jista' jsir intervent immedjat jekk huwa neċessarju;

8. Jitlob lill-Kummissjoni li b'żieda għal dak li hu msemmi hawn fuq, tassigura li l-elementi li ġejjin ikunu inklużi fl-istrument rilevanti li jirrigwarda l-ħżin ta' merkurju metalliku żejjed: standards minimi ta' sikurezza, irrappurtar regolari u trasparenti, ippjanar minn qabel u tbassir, penali u sanzjonijiet;

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex toħloq kuxjenza pubblika, billi tagħmel kampanji ta' informazzjoni, dwar ir-riskji għas-saħħa, ir-riskji ta' l-espożizzjoni, u l-problemi ambjentali li jista' jikkawża l-merkurju;

10. Jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju li min iħammeġ iħallas, partikularment fir-rigward tal-ħażna ta' merkurju żejjed; jinsisti li s-setturi ta' l-industrija responsabbli għall-produzzjoni tal-merkurju għandhom jikkontribwixxu għall-iffinanzjar tal-ħażna sikura tal-merkurju żejjed;

11. Jitlob lill-Kummissjoni biex fl-istess ħin, tassigura li l-ebda merkurju primarju Ewropew ma jidħol fis-suq Ewropew u/jew globali;

12. Jenfasizza li s-sors prinċipali ta' emissjonijiet ta' merkurju huwa l-ħruq tal-faħam, u jitlob lill-Kummissjoni biex mill-aktar fis possibbli, u ta' l-inqas, skond id-direttiva IPPC jew strument leġiżlattiv separat, tintroduċi valuri ta' limitu ta' emissjonijiet fuq il-merkurju mill-attivitajiet kollha relevanti, u partikularment minn proċessi, kbar kif ukoll żgħar, ta' ħruq tal-faħam;

13. Jitlob lill-Kummissjoni biex tassigura fil-futur qarib, implimentazzjoni stretta tad-Direttiva tal-IPPC, billi huwa meqjus li l-proċess taċ-ċelloli tal-merkurju fl-industrija kloro-alkali mhuwiex identifikat bħala l-Aħjar Teknika Disponibbli;

14. Jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri neċessarji u tipproponi, fil-futur qarib, limiti ta' emissjonijiet nazzjonali kif ukoll limiti tal-kwalità ta' l-arja lokali għall-merkurju skond l-istrumenti leġiżlattivi relevanti eżistenti jew separati;

15. Jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni PARCOM 90/3 sabiex bil-mod il-mod jinqata' għal kollox l-użu ta' l-impjanti kloro-alkali li jużaw iċ-ċelloli tal-merkurju mill-aktar fis possibbli, bl-obbjettiv li dawn ikunu nqatgħu kompletament sa l-2010;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex, għall-futur qarib, tieħu miżuri biex tikkontrolla l-emissjonijiet mill-krematorji, minħabba li dawn jikkonstitwixxu sors inkwetanti u dejjem aktar importanti ta' emissjonijiet.

17. Jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni sabiex il-Grupp Espert dwar Apparat Mediku jintalab jikkunsidra l-potenzjal ta' periklu fl-użu tal-merkurju f'amalgama dentali u fl-istess ħin iħeġġeġ il-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri sabiex tiżgura li r-rekwiżiti Komunitarji rigward it-trattament ta' l-iskart dentali jiġu applikati korrettament;

18. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirrestrinġi l-bejgħ u l-użu tal-merkurju f'kull tagħmir ta' kejl u ta' kontroll kemm għall-użu tal-konsumatur u kemm għall-użu professjonali (b'mod speċjali fid-djar, fil-faċilitajiet tas-saħħa, fl-iskejjel u f'istituti tax-xjenza u tar-riċerka), imma tippermetti xi eżenzjonijiet f'każijiet fejn alternattivi xierqa ma jkunux disponibbli. Dawn l-eżenzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-każijiet rari ta' manteniment ta' kollezzjonijiet f'mużewijiet u ta' wirt industrijali;

19. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri, għal perjodu qasir, biex tiżgura li l-prodotti kollha (mhux biss dawk elettriċi u elettroniċi) li fihom il-merkurju u li bħalissa qed jiċċirkolaw fis-soċjetà jinġabru separatament u jiġu trattati mingħajr periklu.

20. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tindirizza l-użu tal-merkurju fil-manifattura tat-tilqim, kif imsemmi ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2005, u sabiex tevalwa dan bl-iskop li tagħmel restrizzjoni fuq dan l-użu u l-projbiżżjoni mill-użu fejn alternattivi xierqa u mhux perikoluzi jeżistu, u sabiex tappoġġa r-riċerka fil-qasam ta' possibilitajiet diversi għat-twassil futur ta' tilqim b'ħafna dożi bla tijomersal fil-pajjizi li għadhom qed jiżviluppaw;

21. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li tingħata prijorità u jkunu allokati fondi xierqa għar-riċerka dwar il-merkurju permezz tas-seba' RTD Programm ta' Qafas u ta' mekkaniżmi għall-fondi oħra xierqa;

22. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li kull użu tal-merkurju li baqa', u li ma' jaqax taħt l-istrateġija preżenti, ikun suġġett għal sostituzzjoni, fejn possibbli, minn alternattivi sikuri, skond ir-Regolament REACH propost, wara li jiġi adottat;

23. Jenfasizza l-importanza li jiġu segwiti miżuri kontra l-espożizzjoni u li jsir titjib tal-fehim, u l-għarfien ta' l-importanza ta' tagħrif pubbliku, tal-komunikazzjoni u ta' l-edukazzjoni, l-aktar dwar ir-riskji għas-saħħa ta' l-espożizzjoni għall-merkurju; jenfasizza l-bżonn ta' aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent skond il-Konvenzjoni ta' Aarhus;

24. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tinvestiga l-għażliet li hemm sabiex ikun obbligatorju li l-Istati Membri jirrapurtaw l-inġestjoni ta' merkurju fid-dieta ta' gruppi vulnerabbli lill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel, u sabiex jistolbu lill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa u r-Riskji Ambjentali biex jagħmel evalwazzjoni dwar ir-riskju tal-merkurju għal gruppi vulnerabbli;

25. Fl-istess kuntest, jappella lill-Kummissjoni sabiex tagħti prijorità lill-iffinanzjar tal-komunikazzjoni ma' popolazzjonijiet vulnerabbli dwar l-impatt ta' dannu li għandu l-merkurju u biex jaqsmu prattiki tajba;

26. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tagħmel Evalwazzjoni globali ta' l-Impatt fuq is-Saħħa sabiex tinvestiga l-ispiża li tirriżulta fuq is-saħħa mill-kontaminazzjoni tal-merkurju, inkluż it-tnaqqis fil-kapacità intelletwali tat-tfal Ewropej bħala riżultat ta' espożizzjoni

għall-merkurju;

27. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tissodisfa, mill-aktar fis possibbli, l-obbligazzjonijiet tagħha skond id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma li talbitha biex tipproponi, sa minn Diċembru 2003, kontrolli xierqa fuq l-emmissjonijiet u fuq il-kwalità tal-livelli sabiex gradwalment jitneħħew skariki, emmissjonijiet u telf ta' merkurju;

28. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni sabiex tinvestiga aktar id-dħul dijetetiku speċifiku ta' tipi differenti ta' ħut u ta' frott tal-baħar fost sub-popolazzjonijiet vulnerabbli, u jikkonsidraha bħala waħda mill-azzjonijiet l-aktar urġenti sabiex jiġi żgurat li l-espożizzjoni ta' sub-popolazzjonijiet vulnerabbli tkun imnaqqsa taħt l-istandards aċċettati internazzjonalment għal livelli tal-metilmerkurju mhux perikolużi;

29. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-programm ta' l-ittestjar għal-livelli tal-metilmerkurju u l-ko-fatturi li jinfluenzaw l-assorbiment u/jew l-impatt tal-merkurju fil-ħut fl-Ewropa, inkluż l-ittestjar ta' ħut kbir tal-priża, ikun introdott mill-aktar fis possibbli, bl-iskop li r-rakkomandazzjonijiet tal-konsum ta' ħut b'livelli għolja ta' merkurju jkunu maħruġa mill-EFSA, b'enfasi partikolari fuq il-linji gwida għal gruppi ta' popolazzjoni vulnerabbbli; jikkunsidra li tali programm għandu jikkunsidra r-riskji speċjali relatati mal-fatt li ċertu ekosistemi jibdlu l-merkurju aktar malajr minn oħrajn f'metilmerkurju bijodisponibbli;

30. Fl-istess kuntest, jappella lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-merkurju, speċjalment f'popolazzjoni aktar vulnerabbli, ikun inkluż fil-programm ta' bijomonitoraġġ kif oriġinarjament maħsub mill-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa 2004-2010 (COM(2004)0416), kif miktub fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-23 ta' Frar 2005[1];

31. Jilqa' l-konklużjoni tal-Kunsill li tirrikonoxxi l-problemi ambjentali u soċjali li jirriżultaw mill-għeluq tal-minjieri tal-merkurju f'Almadén, fi Spanja, li kienu ilhom jeżistu għal żmien twil, bħala konsegwenza ta' l-istrateġija tal-Komunità dwar il-merkurju; Jirrakkomanda li għandhom jittieħdu miżuri ta' kumpens xieraq u għandhom ikunu iffinanzjati b'mod xieraq mill-Kummissjoni sabiex iz-zona affettwata bl-għeluq tal-minjieri tal-merkurju tkun tista' tikseb alternattivi ekonomiċi u soċjali vijabbli; Jenfasizza li għandha tiġi kkunsidrata l-possibilità li Almadén jintuża għall-ħażna sikura ta' l-istokks tal-merkurju metalliku diġà eżistenti jew tal-merkurju metalliku sub-prodott mill-industrija madwar l-Ewropa kollha, imma mhux l-iskart tiegħu, b'hekk isir użu mill-infrastruttura, mill-ħaddiema u mill-kompetenza teknoloġika li teżisti hemm;

32. Jappoġġa miżuri sabiex tiġi żgurata r-rijabilitazzjoni u l-monitoraġġ taz-zoni kkontaminati, inkluż il-minjieri magħluqa, iz-zoni industrijali u z-zoni ta' ħażna ta' l-iskart tat-tnejn li huma, b'mod li jirrispetta l-prinċipju li min iħammeġ irid iħallas;

33. Jilqa' l-azzjonijiet kollha fuq livell internazzjonali proposti mill-Kummissjoni u jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw u jippromovu azzjoni internazzjonali, bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' strument leġiżlattiv globali dwar il-merkurju;

34. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattivi sabiex il-merkurju jkun suġġett għall-proċedura tal-PIC tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam u/jew Basel, sabiex tiżdied it-trasparenza tal-kummerċ tal-

merkurju;

35. Barra minn hekk, jenfasizza l-importanza li l-UE tikkopera mal-pajjizi tal-minjieri prinċipali, l-Alġerija u l-Kyrgyzstan, bil-għan li gradwalment jitnaqqas id-dħul tal-merkurju primarju fis-suq dinji, billi tappoġġja azzjonijiet relevanti;

36. Jenfasizza l-importanza li l-UE tieħu l-inizjattiva u torganizza laqgħat bilaterali ma' reġjuni oħra, bħall-G77 u ċ-Ċina, sabiex in-negozjati li mistennija jseħħu waqt il-Kunsill Governattiv ta' l-UNEP li ġej, ikunu ppreparati aħjar;

37. Jitlob lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilità li tiġi pprovduta assistenza teknika u kompetenza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li ġew affettwati u lill-pajjiżi b'ekonomiji tranżitorji sabiex gradwalment jitnaqqsu l-użu u r-rilaxx ta' merkurju u tal-komposti tal-merkurju;

38. Jenfasizza li l-użu ta' l-amalgama jrid jitnaqqas fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fil-pajjiżi tat-tielet dinja;

39. Meta jikkunsidra dak li ntqal aktar 'il fuq, jitlob lill-Kumissjoni biex titlob lill-Istati Membri sabiex jagħmlu rapport dwar l-attivitajiet u l-proġetti kollha tagħhom li jinvolvu l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan li jiġi determinat fejn hemm il-bżonn ta' użu aktar effiċjenti tal-fondi ta' l-UE;

40. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tiżgura r-restrizzjoni fl-użu tal-merkurju fil-minjieri tad-deheb u fl-istess ħin tippromovi tekniki vijabbli li ma jużawx il-merkurju, u barra minn hekk sabiex tipproponi skema ta' ttikkettar pożittiv għad-deheb li jkun ġie mminat mingħajr l-użu tal-merkurju, li jinkludi wkoll id-deheb ipproċessat fi u barra mill-Unjoni Ewropea;

41. Sabiex jiġi stabbilit grupp ta' esperti, jikkunsidra li huwa estremament importanti li jkun hemm bilanċ bejn id-dentisti, it-tossikologi u l-esperti tal-mediċina ambjentali;

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-reżoluzzjoni lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

# Introduction

Mercury is a heavy metal, sometimes known as quicksilver, which occurs naturally in the environment in different chemical forms. Mercury is the only metal that in its pure form is a liquid and at room temperature it slowly forms a vapour. Natural events (e.g. volcanic activity, weathering of rocks) and human activities (e.g. mining, burning fuel) can cause mercury release into the environment. Mercury placed on the world market has been obtained mainly from cinnabar mines located in Spain, China, Kyrgyzstan and Algeria. It can also be recycled from industrial processes.

Mercury deposits at Almadén in Spain account for the largest quantity of liquid mercury metal produced in the world. Its total production from historical times is approximately 250,000 metric tons, which is approximately one third of the entire quantity produced worldwideMercury has been mined at Almaden for more than 2,000 years and is the nucleus of social economic activity in that region.

Mercury and its compounds are highly toxic to humans, ecosystems and wildlife. It is a global, diffuse and persistent pollutant. Mercury can change into the environment into methylmercury, its most toxic form, which readily passes both the placental barrier and the blood-brain barrier with the risk of causing damage to the nervous system, and thus making it particularly harmful to foetal development.

Mercury is a global threat. It crosses national or regional boundaries, travelling long distances through the atmosphere, contaminating European and global food supplies at levels posing a significant risk to human health.

The European Union is the world's largest mercury exporter, having been responsible for some 30% of global consumption in 2001-2003. EU leadership in dealing with global mercury problems is therefore clearly an economic, political and moral imperative. Community action as well as international commitment is necessary for the protection of human health and the environment. The Community Strategy concerning Mercury with its integral approach is therefore an important contribution in tackling this global threat.

# I. Export Ban and safe storage

The Commission plans the phasing out of mercury exports from the Community, with the introduction of an export ban by 2011. However, this ban should be introduced as soon as possible, and by 2010 at the latest. Coupled with international action as proposed by the UNEP Governing Council resolution adopted in February 2005 and the GEF/UNDP/UNIDO Global Mercury Project, pressure is building with actions geared at reducing the global demand for mercury.
It is estimated that the EU chlor-alkali industry will have some 12.000 tonnes of mercury destined for decommissioning over the next 15 years. This surplus of mercury must be safely stored in secure sites, continuously monitored and located where intervention can take place immediately if necessary.

## II. Emission limit values

The main source of emissions from mercury is the burning of coal. Implementation of existing instruments such as directive 2001/80/EC to reduce sulphur dioxide will bring some reductions to mercury emissions. However, particularly elemental mercury (with a lifetime in the atmosphere of up to one year), which can travel globally, will still be released in the environment contributing to the global pollution. Therefore, emission limit values for mercury from large combustion plants and other related activities should be introduced as soon as possible in IPPC directive 96/61/EC, and/or in a separate legislative document. Considering that various control options already exist, such as abatement techniques, use of low-mercury coal, coal cleaning or switching to a cleaner fuel. Furthermore, as is mentioned in the Strategy, international action under the Protocol on Heavy Metals under the Long-Range Transboundary Air Pollution Convention (LRTAP) should also be taken into consideration.

Emissions from small-scale combustion facilities are presently not regulated under Community law; emission limit values for such installations should also be set through a Community instrument, since the cumulative effect of mercury emissions from these installations contributes substantially to the overall level of emissions.

Furthermore, mercury emissions from crematoria are an increasing source of pollution, and should be controlled at EU level. Legislation is already in place in Denmark, the Netherlands, Germany and the UK, and should be harmonised before more Member States adopt their own legislation. The relevant OSPAR recommendation covers only 12 out of the 25 Member States and no sanctions are foreseen in case of no implementation.

## III. Ban of Mercury in measuring and control equipment

The only effective way of addressing inevitable mercury emissions from use and disposal of measuring and control equipment is by substituting mercury in these product categories. Examples of restricting the use of hazardous chemicals in products already exist in the EU legislation e.g. directives 76/769, 2002/95. Consequently, the marketing and use of mercury in all measuring and control equipment for consumer and professional uses (especially in household, healthcare facilities and schools) should be restricted, allowing for some exemptions where adequate alternatives are not yet available. Derogations should be limited in time, to provide incentives for research and development in order to encourage a shift to alternative substances and techniques by the industry concerned. Several Member States such as Sweden, Denmark and the Netherlands have experience of successfully implementing such restrictions.

## IV. Collect and treat Mercury Waste

Separate, safe collection and treatment measures must be put in place for those products containing mercury already circulating in society. Much of the mercury containing waste comes from households and might be released in a non-controlled way in the environment. The Commission should propose measures under the Strategy aiming at dealing with this problem. In the same way, Community requirements on treatment of waste from dental

amalgam must be properly applied.

## V. Protect against and inform about risks of Mercury

Given that mercury has bioaccumulative and biomagnifications properties and given the dangers associated with mercury exposure to brain development, it is essential that vulnerable groups of the population (children, pregnant women and women of childbearing age) are well informed and alerted of the possible risks of some fish consumption. As recommended by EFSA, exposure to mercury of these vulnerable groups of the population need to be monitored, and recommendations on dietary intake of fish and seafood need to be set. Such monitoring should be part of the environment and health monitoring system and the biomonitoring programme, originally envisaged under the Environment and Health Action Plan 2004-2010.

## VI. Vaccines

Mercury is contained in vaccines in the form of thimerosal, also known as thiomersal, containing approximately 50% ethylmercury by weight, and it is used as a preservative, to prevent the growth of microbes. While at this point there is still significant controversy over whether or not thimerosal in vaccines causes adverse health effects in humans, it is important to note that in 1991 the World Health Organization (WHO) concluded that a safe level of mercury exposure below which no adverse effects occur, had never been established. Some measures have already been taken in different Member states: In August 2004 in the UK the Department of Health and Social Security announced that it would no longer use thimerosal in infant vaccines; in Denmark, the National Central Laboratory of the Danish Health System has not used thimerosal in vaccines for children since 1992. The situation, regarding the case of mercury in vaccines, in other Member States is not clear.

## VII. Support and promote international action

The European Union and the Member States need to intensify its international efforts and strive for global measures to control mercury emissions, demand and supply globally. Given the transboundary nature of mercury contamination, efforts have to be undertaken with a view to agreeing on an international legislative instrument on mercury. Co-operation should be strengthened in the way of financial and technical assistance with the two main mercury mining countries Algeria and Kyrgyzstan, in order to encourage phasing out of primary mercury production. Bilateral contacts should be intensified in preparation for the UNEP Governing Council in 2007, with countries such as China, India, Russia and the G77, which are all increasingly dependent on solid fuels for coal-fired power plants.

## Conclusions/ Recommendations

Mercury is toxic to humans, ecosystems and wildlife and it constitutes a transboundary global threat. The problem of mercury contamination is complex and measures need to be taken on several fronts in order to diminish the associated health and environment risks significantly. The Commission Strategy concerning mercury is a welcome step in the right direction. The actions proposed in the strategy need to be followed by legislative measures in the following

areas:

- emission limit values for relevant activities
- abatement technique  to be compulsory for crematoria
- an export ban of  mercury by 2010
- safe storage of  surplus mercury
- control and treatment of waste from dental amalgam
- restrict the use of mercury in dental amalgams

a ban on mercury use in control and measuring equipment where safe alternatives exist.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Strateġija komunitarja rigward il-merkurju |
| **Numru tal-proċedura** | 2005/2050(INI) |
| **Bażi fir-Regoli ta' Proċedura** | Regola 45 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data ta' l-awtoriz-zazzjoni mħabbra fis-seduta plenarja | ENVI<br>12.5.2005 |
| **Kumitat mitlub jagħti opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>12.5.2005 |
| **Opinjoni mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ITRE<br>14.7.2005 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | Le |
| **Rapporteur**<br>Data tal-ħatra | Marios Matsakis<br>24.5.2005 |
| | |
| **Eżaminazzjoni fil-kumitat** | 21.11.2005 24.1.2006 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 22.2.2006 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | favur: 50<br>kontra: 1<br>astensjonijiet: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Liam Aylward, Irena Belohorská, Johannes Blokland, John Bowis, Hiltrud Breyer, Martin Callanan, Dorette Corbey, Avril Doyle, Jillian Evans, Anne Ferreira, Karl-Heinz Florenz, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Mary Honeyball, Marie Anne Isler Béguin, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Urszula Krupa, Aldis Kušķis, Marie-Noëlle Lienemann, Marios Matsakis, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Karin Scheele, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Jonas Sjöstedt, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Evangelia Tzampazi, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Anders Wijkman |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | María del Pilar Ayuso González, Philip Bushill-Matthews, Bairbre de Brún, Milan Gaľa, Erna Hennicot-Schoepges, Miroslav Mikolášik, Renate Sommer |
| **Sostituti (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Miguel Angel Martínez Martínez |
| **Data tat-tressiq - A6** | 27.2.2006 A6-0044/2006 |